**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA’ GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr. IAN FARRUGIA LL.D**

Seduta – Distrett San Giljan
Kawza numru 19

**Illum 08 ta` Frar 2024**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Frankie Sammut)**

**Vs**

**Sayfuldeen Ali Miftah Alwirfli**

**IL-QORTI**;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Sayfuldeen Ali Miftah Alwirfli,** imwieled il-Libja nhar it-23 ta’ Dicembru 1995, residenti gewwa Maria Crt, Flat 13, Triq Santa Venera, Msida u detentur tal-Passaport bin-numru **J9K25R40**, fejn gie akkużat talli nhar it-08.05.2023 ghall-habta ta` 21:15hrs gewwa Triq Birkirkara, San Giljan;

1. Hebbejt ghal Ali Jwaili u kkagunajtlu offiza ta` natura hafifa skont kif iccertifikat minn Dr. Kirsten Schembri Med no. 4003 ta` Floriana Health centre (Art.221 (1) Kap.9);
2. Kkagunajt offiza ta` natura hafifa li l-effett ikkunsidrat sew ghal dak li hu l-gisem ta` Ali Jwaili kemm moralment, huwa ta` importanza zghira (Art 221(3) Kap 9).

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur bil-gurament;

Qieset id-deposizzjonijiet tax-xhieda mressqa;

Rat l-Atti u d-dokumenti;

Semghet sottomissjonijiet;

**Ikkunsidrat**;

Irrizulta sufficjentement skond il-ligi illi effettivament nhar it-08.05.2023 ghall-habta ta` 21:15hrs gewwa Triq Birkirkara, San Giljan, kien l-imputat li habat ghal u attakka fizikament lill-vittma u kkagunalu feriti hfief kif del resto jirrizulta mic-certifikat mediku esebit. Illi l-verzjoni tal-vittma Ali Jwaili hija konfortata mill-verzjoni tax-xhud indipendenti u okulari Adam El Saghir.

Ghaldaqstant ir-rizultanzi processwali huma tali li l- prosekuzzjoni ppruvat il-kaz taghha skond il-ligi;

**Ikkunsidrat**;

Illi ghal dak li jirridwarda t-tieni imputazzjoni, din inghatat bhala wahda alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni;

Illi ghal dak li jirrigwarda l-kwistjoni tas-sanzjoni applikabbli, din il-Qorti tqis li kull vjolenza ghandha tigi indirizzata bil-qawwa li tippermetti l-ligi u dana peress li l-Awtoritajiet koncernati ghandhom jaraw li ma jittollerawx il-vjolenza f’socjeta` li taspira li tkun civili.

**Decide.**

Ghaldaqstant u ghall-motivi permessi, din il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, tiddisponi minn dan il-kaz bil-mod segwenti:

1. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni stante li din inghatat bhala wahda alternattiva ghall-ewwel.

2. Issib lill-imputat **Sayfuldeen Ali Miftah Alwirfli** hati tal-ewwel imputazzjoni u tikkundanah ghall-piena tal-multa fis-somma ta` €1,000; u

3. torbot lill-hati **Sayfuldeen Ali Miftah Alwirfli** taht garanzija ta` sena fl-ammont ta` €500 sabiex tinzamm l-ordni fil- konfront ta` Ali Jwaili u dana kollu ai termini ta` l-Artiklu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Bernardette Zammit
Deputat Registratur